MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1131/2002/1

**AD Ventures Ltd**

**vs**

**Arcidiacono Imports Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Lulju, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmienja u disghajn lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm98.33), in konnessjoni ma' servizzi ta' reklamar provduti mis-socjeta attrici fuq

inkarigu tas-socjeta konvenuta skond kif jirrizulta minn booking order, fattura datata 30 ta' Gunju 2001.

Ra li s-socjeta konvenuta kkontestat il-kawza billi r-reklam ma sarx skond l-ordni, fis-sens illi sar a beneficcju ta' kumpannija ohra u mhux tas-socjeta konvenuta.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) Fis-16 ta' Mejju 2001 is-socjeta konvenuta ghamlet ordni ghall-reklam li kellu jidher fir-rivista *"The Management Journal"*. Dan ghall-prezz ta' hamsa u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm85.50).

(b) Ir-reklam kellu jinkludi wkoll *Complimentary Article* dwar prodott tas-socjeta konvenuta.

(c) Jirrizulta li r-reklam gie ppubblikat (Dok. SD1) fil-harga ta' Gunju 2001. Gie wkoll ippubblikat l-artiklu ntestat *"The Optima 2001 Shiatsu Massage Armchair"*. L-ilment tas-socjeta konvenuta huwa li fl-artiklu, l-isem tal-kumpannija gie ndikat bhala Arcidiacono Co Ltd meta kellu jkun Arcidiacono Imports Co Ltd. Irrizulta wkoll li dawn iz-zewg kumpanniji huma kompetituri ta' xulxin u hemm inkwiet familjari bejn is-sidien.

(d) Is-socjeta attrici (ara xhieda ta' Stephen D'Alessandro) ikkonfermat li meta gie stampat l-artiklu, ittiehed zball fl-isem tal-kumpannija.

(e) Is-socjeta attrici offriet li fil-harga ta' Awwissu 2001, issir korrezzjoni permezz ta' *errata correge* (Dok. SD2). Min-naha taghha s-socjeta konvenuta rrifjutat u ppretendiet li l-artiklu jerga' jigi ppubblikat mill-gdid.

2. Is-socjeta konvenuta qeghda tippretendi li m'ghandha l-ebda obbligu li thallas peress li s-socjeta attrici minflok li ghamlet reklam ghas-socjeta konvenuta, spiccat taghmel reklam ghal socjeta ohra.

3. Fil-fehma tat-Tribunal, mill-provi rrizulta li l-izball fl-isem tas-socjeta konvenuta kien verament wiehed genwin. It-Tribunal lanqas ma jemmen li s-socjeta konvenuta sofriet xi dannu b'dan il-fatt. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li:

(a) Ghalkemm is-socjeta Arcidiacono Co Ltd toffri ghall-bejgh dawn it-tip ta' siggijiet, *The Optima 2001 Shiatsu Massage Armchair* huwa mportat biss mis-socjeta konvenuta. Fil-fehma tat-Tribunal l-artiklu qatt ma seta' jitqies bhala reklam ghas-socjeta Arcidiacono Co Ltd ghaliex ma tbieghx dik il-marka partikolari ta' massage chair. Fatt ammess minn Renato Arcidiacono nnifsu.

(b) In-numru tat-telefon indikat fl-artiklu, m'huwiex tal-kompetitur tas-socjeta konvenuta, imma tas-socjeta AMP Co Ltd (li hija wkoll propjetarja ta' Renato Arcidiacono).

(c) Ir-reklam li tieghu qieghed jintalab il-hlas gie ppubblikat u ma fih l-ebda zball. Tant hu hekk li fil-*booking order* (fol. 3) jirrizulta li l-hlas ta' hamsa u disghajn lira Maltija (Lm95) kien dovut ghal *"1/2 page colour"*, igifieri dik il-parti ta' Dok. SD1 fejn hemm reklamat il-*massage chairs*.

(d) Fir-reklam tissemma l-kumpannija AMP Co Ltd u mhux is-socjeta konvenuta. Renato Arcidiacono, ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, spjega li AMP Co Ltd tiehu hsieb il-*marketing* u l-bejgh tal-prodott.

4. Irid jissemma wkoll li ma tressqet l-ebda prova li minhabba dan l-izball genwin, is-socjeta konvenuta sofriet xi danni bhal telf ta' bejgh.

5. Dan kollu qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li huwa maghruf li l-ligi li bih twaqqaf it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita. It-talba tas-socjeta attrici timmerita li tigi milqugha anke fuq din il-bazi. Mill-provi rrizulta li r-reklam gie ppubblikat u s-socjeta konvenuta hadet beneficcju minn dan il-fatt. Is-socjeta ma tistax u lanqas m'ghandha tippretendi li ma thallasx ghaliex f'artiklu (li ghalih l-ebda hlas mhu dovut) thalliet barra il-kelma *"Imports"*. Inoltre, min kien ser icempel fuq in-numru tat-telefon indikat taht l-isem "Arcidiacono Co Ltd" kien ser jikkomunika direttament mas-socjeta konvenuta. Dan apparti l-fatti li fic-cirkostanzi, il-proposta li ghamlet is-socjeta attrici sabiex tippubblika *errata correge* kienet ragonevoli u kienet facilment twassal biex jigi korrett dan l-izball.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tmienja u disghajn lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm98.33).

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta bl-aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin kemm tal-provi kif ukoll tal-ligi u naqas milli japplika d-dettami ta' l-ekwita`.

Kontra dan l-aggravju s-socjeta` attrici appellata ssollevat il-pregudizzjali illi l-aggravju dedott ma jinkwadrax ruhu fil-parametri ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap 380.

Dan l-artikolu 'inter alia' jipprovdi dritt ta' appell "meta t-Tribunal jkun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella" (subparagrafi 2 (d)).

Ifisser minn dak premess illi d-dritt ta’ l-appell huwa wiehed limitatissimu. Jokkorri ghalhekk li l-aggravju jkun ristrett fl-argini tad-dispost fuq espress.

Apparti l-kwestjoni ta’ l-imparzjalita`, li lanqas biss gie ventilat, l-ezami li jrid jigi kondott hu dak li jigi stabbilit minn ezami tas-sentenza jekk tabilhaqq, kif oggezzjonat mis-socjeta` appellanti, t-Tribunal iddecidiex “b’mod gravi” kontra d-dettami ta’ l-ekwita`; sostrat baziku ta’ kull aggudikazzjoni tat-Tribunal, kif hekk preskritt fl-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att V ta’ l-1995. Li jfisser illi biex il-Qorti tqis bhala ammissibbli l-appell “jehtiegilha tiddetermina jekk l-aggravju principali, <u>kif dedott</u>, kienx jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ekwitattiv” – “**Stephen Chetcuti et –vs- Cycle World Limited**”, Appell, 12 ta’ Jannar 2001.

Issa ghalkemm is-socjeta` appellata tirrikonoxxi illi fl-artikolu, izda mhux fir-reklam innifsu, l-isem tas-socjeta` appellanti gie indikat zbaljatament, is-socjeta` appellanti tissottometti xorta wahda illi l-pubbliku in generali gie zvijat. Dan fuq il-motiv illi min jara r-reklam u jaqra l-artikolu ser izomm f’mohhu l-isem tas-socjeta` kompetitrici taghha, u jinnota aktar it-tip ta’ siggu milli d-ditta. Dippju l-ezekuzzjoni tal-impjazzar tar-reklam ma kenitx konformi ghal dak akkordat. Dan allavolja hi stess qieset li l-izball kien wiehed genwin, ezenti minn mala fede.

Minn naha l-ohra t-Tribunal ghamel konsiderazzjonijiet diversi tal-materja. Sostanzjalment, l-apprezzament tieghu tal-fatti kienu s-segwenti:-

1. It-tip u marka partikolari ta’ siggijiet murija fir-reklam huma mportati biss mis-socjeta` appellanti;
2. In-numru telefoniku ndikat fl-artikolu kien dak tas-socjeta` konvenuta;
3. Ir-reklam innifsu ma kien fih l-ebda zball;
4. Fl-istess reklam tissemma l-marketing company tas-socjeta` konvenuta;
5. L-izball ma kkawza l-ebda pregudizzju jew dannu lis-socjeta` konvenuta;
6. Il-fatt li r-reklam gie prodott, ezenti minn zbalji, certament ibbenefika lis-socjeta` appellanti;

7. Il-kumpanija attrici offriet li ggib "errata corrige" biex tpatti ghall-izball. Dan ma giex accettat mis-socjeta' appellanti.
8. Is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tippretendi li ma thallasx minhabba zball fl-artiklu izda mhux ukoll fir-reklam li tieghu kien qed jintalab il-hlas.

Fir-riflessjoni tar-ragjonament dedott mit-Tribunal, l-aggravju tas-socjeta` appellanti ma jistghax jinghad li konvincevolment jinnewtralizza l-gudizzju ekwitattiv li sar mit-Tribunal.

Skond duttrina taljana fuq is-suggett (Ara **Cian u Trabucchi_**"Commentario breve al Codice Civile", Ed. 2002, pagna 1375), "nel ricorso al criterio dell'equita` troverebbe espressione il meccanismo della cosi detta interpretazione integrativa, da intendere come quel procedimento logico con cui si cerca di trovare, in relazione ad una vicenda del rapporto non contemplata dalle parti; una soluzione conforme allo spirito e agli scopi obiettivi del regolamento di interessi che le parti medesime hanno posto in essere nel caso concreto". Naturalment wiehed jifhem ukoll illi f'din l-istess sistema integrattiva tidhol ukoll il-buona fede, oggett ukoll tad-disposizzjoni stabbilita fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili taghna.

Jidher li dan kollu suddett gie tajjeb kontemplat mill-gudikatur li ppronunzja d-decizjoni. U allura din il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni illi t-Tribunal ma applikax korrettement ghal kaz il-kriterju tal-ekwita`. Il-Qorti hi anzi tal-fehma li f'kaz bhal dan anke kieku ghall-grazzja tal-argument il-legislatur ma fassalx il-ligi fuq dan il-kriterju, xorta wahda kienet tkun valida fil-fattispeci l-affermazzjoni rakkolta mid-decizjoni a **Vol X pagna 324**. Dan fis-sens illi "nel conflitto tra il rigore di giustizia e l'equita` si deve propendere per l'equita`". Stat ta' fatt dan li gie sewwa mizurat fis-sentenza denuncjata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrigetta l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta u b'hekk tikkonferma s-

sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji ghandha tbatihom l-istess socjeta` appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------